# MORNA GĦALL-BEBBUX

*Ta'* Ġużi Abela

*Lil Habibi Naz. Bezzina li kien miegħi.*

Żaren, il-bieraħ, xħin it-tnejn ferħana
Konna għall-bebbux ġo Ħondoq ir-Rummien,

Int ma rajtx bħali qed jimirħu magħna
Fuq il-għoljiet, max-xtajta, u fil-widien,

Żewġt itfal żgħar? Żgur li mid-dinja tagħna
Dawn ma kinux: għaliex għad li flimkien

— Huma u jfittxu l-bebbux — għannew ferħana,
Leħinhom ma nstamax jidwi fl-għerien.

Iżda ġol-vojt ta' qalbi smajt, minn ġewwa,
Tidwi bla ħniena l-għanja tat-tfal żgħar;

Qaltli, Żaren, li — għalkemm jien bil-ħlewwa
Sibt u ġbart il-bebbux, ikel il-fqar —

Qalbi sfat wisq imkabbra: għalhekk kien sewwa
Li jiena b'ruħi mnikkta mmur id-dar.

Msida, 17-18. 9. 51.